MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-1 ta' Ottubru, 2003

Numru 812/2003

Il-Pulizija
(Sp Stephen Mallia)
vs
Herman McKay, iben Martin,
imwieled Pieta' fl-24 ta'
novembru, 1983
u
Stiano Agius, iben Carmelo,
imwieled Pieta' fit-22 ta'
lulju, 1981

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati –
1. talli fit-22 ta' settembru, 2003 għal ħabta ta' bejn is-sebgħa u nofs u it-tmienja ta' fil-għaxija, f'Ħal-Luqa kkomettew serq ta' vettura tal-marka Toyota Starlet, bin-numru tar-reġistrazzjoni DBJ 556, liema serq hu kkwalifikat bil-valur li jeċċedi l-elf liri maltin (Lm1,000) u

bix-xorta tal-ħaġa misruqa, għad-dannu ta’ George Mifsud minn Ħal-Luqa;
2. talli f’dawn l-aħħar jiem, f’diversi lokalitajiet f’dawn il-Gżejjer, xjentement laqgħu għandhom jew xtraw ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, indaħlu biex ibiegħuhom jew imexxuhom;
3. talli f’dawn l-aħħar jiem f’dawn il-Gżejjer, malli saru jafu li xi ħaġa li kienet fil-pussess tagħhom kienet ħaġa misruqa jew ħaġa meħuda b’qerq jew akkwistata b’reat, naqsu li jgħarrfu lill-pulizija b’dak il-fatt fi żmien ġimgħa minn meta kienu hekk saru jafu;
4. talli f’dawn l-aħħar jiem f’diversi lokalitajiet f’dawn il-Gżejjer, saqu vettura tal-għamla Toyota Starlet, bin-numru tar-reġistrazzjoni DBJ 556, mingħajr in-numri tar-reġistrazzjoni mwaħħla u mingħajr il-liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew ta’ l-Awtorita’ Dwar it-Trasport Pubbliku, jew saqu l-istess vettura mingħajr ma kellhom  liċenzja speċifikata biex isuqu l-imsemmija vettura u b’hekk ma kienitx koperta b’polza tas-siġurta għal terzi persuni;
5. talli naqsu li fi żmien seba’ tijiem jagħtu avviż bil-miktub lill-Kummissarju tal-Pulizija dwar ix-xiri ta’’vettura tal-għamla Toyota Starlet, bin-numru tar-reġistrazzjoni DBJ 556;
kontra Herman McKay, waħdu:
6. talli kiser il-provvedimenti tal-artikolu 5 tal-kapitolu 152 tal-Li]ij`t ta’ Malta b’sentenza mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-18 ta’ frar, 2002 b’liema sentenza kien ġie misjub ħati u liberat taħt kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin;
7. talli sar reċidiv skond l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali;
kontra Stiano Agius, waħdu:
8. talli fid-29 ta’ settembru, 2003 għal ħabta tad-9.30 p.m., f’Tal-Ħandaq, limiti ta’ Ħal-Qormi kellu fil-pussess tiegħu diversi armi li jaqtgħu u bil-ponta, kif ukoll harpoon tal-marka ‘Asso 50’, mingħajr liċenzja tal-pulizija.

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta’ ottubru, 2003 fejn l-imputati ammettew l-akkużi kollha ħlief dik tas-serq.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputati u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputati ħatja tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tagħhom u għalhekk tilliberhom mill-istess akkuża. Issibhom ħatja tal-akkużi l-oħra kollha miġjuba kontra tagħhom. Fil-konfront ta' Herman McKay, rat l-artikoli 49, 50, 334 u 334A tal-Kodiċi Kriminali, l-artikolu 3(1)(2)(a) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu 26 (A.L. 128 ta' l-1994) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Rat li l-imputat ikkolabora mal-pulizija u stqarr il-ħtija tiegħu fl-ewwel seduta u għalhekk l-applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali hu xieraq. Tikkundannah li jħallas multa ta' ħames mitt liri maltin (Lm500). Fil-konfront ta' Stiano Agius, rat l-artikoli 334 u 334A tal-Kodiċi Kriminali, l-artikolu 3(1)(2)(a) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu 26 (A.L. 128 ta' l-1994) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 13 tal-Kapitolu 66 tal-Liġijiet ta' Malta. Rat il-fedina penali netta, li l-imputat ikkolabora mal-pulizija u stqarr il-ħtija tiegħu fl-ewwel seduta u għalhekk l-applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali hu xieraq. Tikkundannah li jħallas multa ta' mitejn u ħamsin liri maltin (Lm250). Tordna l-konfiska tal-armi eżebiti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------